MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Rikors Ta Revoka Numru. 215/2013

Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv numru 248/2013 fl-ismijiet:

Mario **MICALLEF**

vs

Angela **MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta’ Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutata Angela Micallef talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta’

Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontriha fil-15 ta' Ottubru, 2013, fuq talba tal-intimat eżekutant Mario Micallef;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Mario Micallef fit-12 ta' Novembru, 2013, li biha laqa' għat-talba tal-eżekutata billi, fl-ewwel lok, qal ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex dak il-mandat imissu jitħassar u, fit-tieni lok, għaliex mhuwiex minnu li t-titolu li bis-saħħa tiegħu huwa talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat eżekutiv huwa preskritt, kif tallega l-istess eżekutata;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekutiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat esekuttiv għar-raġuni li l-parti eżekutata tgħid li l-kreditu li l-eżekutant irid jesegwixxi ntemm biż-żmien tal-preskrizzjoni. Ir-rikorrenti eżekutata tgħid li l-Mandat jirreferi għad-drittijiet legali li kellhom jitħallsu lill-avukat u lill-Prokuratriċi Legali tal-eżekutant u li, ladarba dawn ilhom intaxxati żmien, ma jistgħux jintalbu aktar lill-eżekutant mill-avukat u mill-Prokuratriċi Legali tiegħu, ladarba tgħodd għalihom il-preskrizzjoni ta' sentejn kif irid l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat eżekutant jgħid li r-rimedju mogħti fl-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili biex wieħed jattakka Mandat Eżekutiv maħruġ kontrih jitlob li jkun hemm "raġuni valida skond il-liġi". Huwa jgħid li ma hemm l-ebda raġuni bħal dik fit-talba tar-rikorrenti eżekutata. Minbarra dan, jirrileva li l-Mandat intalab u nħareġ bis-saħħa tal-eżekuzzjoni tat-titolu maħluq

b'sentenza li llum tagħmel ġudikat bejn il-partijiet u m'hemmx kwestjoni ta' preskrizzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti ewlenin marbutin mal-każ</u> jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm kawża ta' firda personali[1]. Fid-29 ta' April, 2008, din il-Qorti (diversament presjeduta) qatgħet il-kawża u, fost l-oħrajn, ordnat lill-attriċi (l-eżekutata tal-lum) li tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. L-eżekutata appellat, imma b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2009, l-appell ma ntlaqax (ħlief għal ħwejjeġ limitati) u ikkonfermat li l-appellanti (l-eżekutata tal-lum) tħallas l-ispejjeż kollha;

Illi fil-15 ta' Ottubru, 2013, ir-rikorrent talab u dak inhar stess kiseb il-ħruġ tal-Mandat mertu tal-każ għall-kreditu ta' sebat elef tliet mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€ 7,323.43) rappreżentanti bilanċ tal-ispejjeż u drittijiet legali skond l-imsemmija sentenza. Mal-Mandat, ir-rikorrent eżekutant hemeż kopja tas-sentenza u kif ukoll kopja tat-taxxa ġudizzjarja maħruġa b'rabta ma' dik is-sentenza;

Illi fis-17 ta' Ottubru, 2013, l-eżekutata fetħet din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> irid jingħad illi din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[2]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-

[1] Ċitazz. Nru. 1596/ 01NC
[2] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***

istess att eżekuttiv ikun inħareġ[3]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[4]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda tgħid li l-Mandat ma jgħoddx għaliex inħareġ biex jintalab il-ħlas ta'

---

[3] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[4] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

kreditu li, min jistħoqqlu jirċevih – jiġifieri l-avukat difensur u l-prokuratriċi legali li l-eżekutant kien inqeda bis-servizzi tagħhom fil-kawża – għalaqlu ż-żmien biex jitlob il-ħlas tiegħu. L-eżekutata tqis li s-somma mitluba fil-Mandat hija sewwa sew id-dritt taxxat ta' dawk iż-żewġ persuni. Dan il-konvinċiment siltitu billi rat waħda waħda l-partiti tat-taxxa ġudizzjarja li tinsab mehmuża mal-Mandat u sabet li dak l-ammont mitlub huwa s-somma tad-drittijiet professjonali tagħhom. Iżżid tgħid li, ladarba s-sentenza (aħħarija tal-Qorti tal-Appell) ingħatat fl-2009 u l-Mandat inħareġ fl-2013, allura l-kreditu li l-avukat u l-prokuratriċi legali sata' kellhom kontra l-eżekutant huwa mitluf għaliex preskritt biż-żmien tas-sentejn taħt l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi din hija r-raġuni waħdanija li ssejjes it-talba tar-rikorrenti eżekutata. Hija din ir-raġuni li din il-Qorti trid tifli biex tara jekk hijiex tabilħaqq raġuni tajba li twassal għat-tħassir tal-Mandat, kif trid il-liġi;

Illi l-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti m'għandhiex raġun, u dan minħabba aktar minn raġuni waħda;

Illi, fl-ewwel lok, il-Mandat eżekuttiv attakkat minnha nħareġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv maħluq bis-sentenza, u mhux bit-taxxa ġudizzjarja mehmuża mal-istess Mandat. Fi kliem ieħor, fil-fehma tal-Qorti, t-titolu eżekuttiv li jrieġi l-Mandat milqugħ huwa dak magħruf fl-artikolu 253(a) tal-Kapitolu 12 u mhux dak magħruf fl-artikolu 253(ċ) tal-istess. Dan jidher sewwa mill-Mandat innifsu fejn it-titolu eżekuttiv li jissemma huwa s-sentenza u mhux it-taxxa. Meta sentenza tikkundanna lil waħda mill-partijiet biex tħallas l-ispejjeż ta' kawża, hija s-sentenza li toħloq it-titolu eżekuttiv u mhux it-taxxa ġudizzjarja. Dan għaliex "it-titolu esekuttiv kontra l-parti t-telliefa għall-ħlas tal-ispejjeż huwa s-sentenza nfisha, u mhux it-taxxa tad-drittijiet. Huwa minnu li l-likwidazzjoni tad-drittijiet issir fit-taxxa, iżda dan iservi biss biex l-ammont dovut bis-saħħa tas-sentenza jitqies likwidu għall-għanijiet ta' l-art. 256 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; il-kundanna għall-

ħlas, iżda, issir fis-sentenza, u hija s-sentenza li tkun it-titolu esekuttiv"[5];

Illi, fit-tieni lok, fil-fehma tal-Qorti t-titolu eżekuttiv maħsub fl-artikolu 253(ċ) tal-Kap 12 ma jagħtix titolu eżekuttiv lil parti fil-kawża kontra l-parti l-oħra, iżda biss kontra dik il-persuna li tkun debitriċi tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji maħruġa favur l-avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit arkitett jew perit imqabbad minn qorti jew favur xhud;

Illi, fit-tielet lok, huwa miżmum li l-kreditu ta' spejjeż ġudizzjarji mhuwiex milqut bil-preskrizzjonijiet il-qosra (bħalma hija l-preskrizzjoni invokata mir-rikorrenti eżekutata)[6] u dan sewwasew għaliex dawk l-ispejjeż jitqies li jagħmlu parti mis-sentenza bħala t-titolu eżekuttiv li jirregola l-kwestjoni;

Illi dan ifisser li l-preġudizzjali tal-preskrizzjoni tal-kreditu ma tirriżultax bħala waħda mistħoqqa. Ir-rikorrenti eżekutata ma ressqet l-ebda raġuni oħra fir-rikors tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** eżekutata għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 248/13 maħruġ kontriha mill-intimat eżekutant, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrenti eżekutata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] P.A. GCD **29.11.2002** fl-atti tar-Rikors ghat-Tħassir tal-Mandat Eżekuttiv Nru. 1161/2002 fl-ismijiet ***Marianne Ellul vs HSBC Bank Malta p.l.c.*** (mhux pubblikat)
[6] Ara P.A. **15.12.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant Fournier noe vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.687**)